# Snin ta' sħana

Is-sena l-oħra kienet l-iktar sena sħuna li qatt ġiet irrekordjata.
Mis-sena 2000 lil hawn, kellna tlettax-il sena li kisru r-rekord ta' sħana.
Miskina d-dinja tagħna, x'kedda qed nagħtuha bil-Global Warming!



# 10,786

Ta' kull sena membri ta' BirdLife Malta jgħoddu z-Zakak Abjad li jidħol jorqod fis-siġar ta' quddiem il-Qorti fil-Belt Valletta. Din is-sena għaddew 10,786. Dan hu l-akbar numru li qatt ġie magħdud minn kemm ilha ssir din l-attivita'.



# Ħelisha mill-qerda



Dan hu l-Columbia Basin Pygmy Rabbit. Huwa l-iżgħar speċi ta' fenek selvaġġ fl-Amerka ta' Fuq.

Fl-2003 kien fadal biss 30 minnhom. Iżda b'ħafna ħidma mill-ambjentalisti, in-numru tagħhom żdied għal iktar minn 2,000. Kien kważi nqered, iżda issa jidher li ħelisha ħafif.

Dinja Waħda

# Iktar plastik milli ħut




Sa ħamsin sena oħra, fl-ibħra tad-dinja se jkun hemm aktar plastik milli ħut.

Il-plastik idum żmien twil biex jispiċċa, u jeqred ħafna ħut, għasafar u ħlejjaq oħra tal-baħar.

Dinja Waħda